San Lawrenz

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGHA KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 16 – It-Tnejn 20 ta' Ġunju 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fit-3:00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Formosa | Sindku |
| | Anthony Formosa | Viċi Sindku |
| | Franco Buhagiar | Kunsillier |
| | Joseph Cauchi | Kunsillier |
| | Carmen Grima | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Agent Segretarju Eżekuttiv |
| Skuzat: | James Grima | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Saret referenza għall-korrispondenza bejn il-Kunsilli ġirien dawk tal-Għarb u Għasri rigward it-tibdil fl-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart fid-dawl tal-introduzzjoni tal-ġbir tal-iskart organiku. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellna l-Kunsilli flimkien u għall-proposta li ħarġet li ssir ġabra l-Ħadd biex tinqata' l-problema tal-iskart li jħallu warajhom ir-residenti tal-flattijiet u farmhouses. Din il-proposta għad trid tintlaqa' mill-kollettur biex isseħħ peress li mhix inserta fil-kuntratt oriġinali. F'kaz li din ma tintlaqax il-Kunsill għandu jimxi mal-option 1 offruta mill-Wasteserv.

3.2 Ġiet trattata t-talba mingħand San Lawrenz Summer Fun Club fejn talbu lill-Kunsill jgħinhom fl-organizazzjoni ta' diversi korsijiet edukattivi. Il-Kunsill qabel li għandu jghinhom fl-organizazzjoni ta' xi korsijiet flok jorganizzahom hu u b'hekk ikunu qed isiru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-kunsill qabel li xorta wahda ghandu jorganizza korsijiet li mhux ser jintlahqu mis-Summer Fun Club

3.3 Ġiet trattata l-email minghand Rita Sammut tal-MTA rigward ilment minghand turist rigward id-dizordni li tezisti fid-Dwejra. Sar qbil li għandna nibgħatulha lura biex niltaqgħu fuq il-post biex niddiskutu.

3.4 Ġiet trattata l-ittra mingħand Gasan Mamo rigward inċident ta' vettura li seħħ fi Triq San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondi li din it-triq mhix responsabilita' tal-Kunsill iżda tal-Gvern Ċentrali.

3.5 Ġiet trattata l-proposta mingħand Valletta 2018 rigward l-attivita' li ser ssir bl-isem L-Ikla t-Tajba. Sar qbil li għanda nipparteċipaw f'din l-attivita' billi ngħadduha lil Ta Ciangura Folkgroup biex jissieħbu fiha huma.

3.6 Ġiet trattata t-talba mingħand il-Kumitat 1551 rigward l-ispettaklu li ser itellgħu fiċ-Ċittadella bil-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora billi jgħaddi s-somma ta' €100.

3.7 Ġiet trattata l-email mingħand Vodafone fejn talbu sabiex jgħaddu s-servizz tagħhom għad-Dwejra mit-trinek tas-servizzi li saru lejn id-Dwejra. F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba lid-Direttorat tl-Proġetti u Żvilupp tal-Ministeru għal Għawdex fejn jitlobhom jekk għaddietx xi katusa li fiha jista jitniżżel servizz ieħor lejn id-Dwejra.

## 4.0 Għazla tal-istima tas-CCTV

4.1 Rigward l-għażla tas-CCTV il-Kunsill qabel li għandu jistenna r-rakkomandazzjoni tal-Inġinier Falzon. Il-Kunsillier Joseph Cauchi insista li mportanti ħafna li jkollna sistema tajba u ċara.

4.2 Il-Kunsillier Joseph Cauchi saħaq dwar l-importanza li s-CCTV tal-pjazza titwaħħal sal-festa għax ikun importanti wkoll għall-armar biex ikun protett.

## 5.0 Wara l-attivita' Swejjaq

5.1 Is-Sindku rrefera għall-attivita' bħala 'suċċess kbir'. Intlaqgħet tajjeb ħafna u l-Kunsill irċieva ħafna kummenti pożittivi li kien hemm organizazzjoni kbira, kemm minn dawk li ppartecipaw billi bieghu stalls u anke dawk li attendew. Huwa semma'

li l-bejjiegħa marru tajjeb hħafna u jinsabu ħerqana għall-edizzjoni li jmiss. L-entertainment kien tajjeb ħafna speċjalment id-Daqqaqa. Fl-edizzjoni li jmiss nieħdu ħsieb ninkludu l-ġemellaġġ billi anke ninkludu stands tal-mozzarella, prodott tipiku ta' Amaseno. Il-Kunsill ħaseb li l-edizzjoni li jmiss tal-iSwejjaq għandha tkun pjanata għall-Ħadd l-4 ta' Diċembru 2016.

**6.0 European Mobility Week**

6.1 Is-Sindku rrefera għall-laqgħa li għaliha attendiet is-Segretarja tal-Kunsill fejn fiha tħabbru żewġ applikazzjonijiet waħda għall-grant t' attivitajiet konnessi mal-Car Free Day u oħra ta' Award għall-proġett ambjentali relatat ma' mobilita'.

6.2 Is-sindku propona li bħala Kunsill għandna napplikaw għaż-żewġ premijiet. Għal dik ta' Car Free Day napplikaw billi nagħmlu sensiela ta' attivitajiet bejn is-16 u t-22 ta' Settembru. Għal dik tal-Award huwa propona li fi Triq Wied Merill jinħoloq parking space organizzat u li minnu jkun iwassal għal mixja sabiħa ambjentali li twasslet għad-Dwejra. L-għan ta' dan huwa li nnaqqsu l-karozzi mid-Dwejra u fl-istess hin inkunu qed noħolqu attrazzjoni oħra turistika u nippromovu l-mixi. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li għandna mmexxu dwarha. Bhala attivita ghal European Mobility week il-Kunsill iddecieda li jorganizza gimgha attivitajiet li jinkludu fost l-ohrajn l-inizjattiva "Mmur l-iskola bil-mixi" Il-Kunsill qabel li s-Sindku u s-Segretarja ghandhom johorgu b' programm u napplikaw ghalih.

**7.0 Festa 2016 u tindif**

7.1 Sar qbil li għandna nitolbu d-Dipartiment tal-Indafa Pubblika biex jgħaddilna aktar dustbins għal-jiem tal-festa. Sar qbil li għandna niġbru stimi għat-tidif tal-ġimgħa tal-festa minn Tnejn sa Tnejn. Sar qbil li t-tindif għandu jkun fil-Pjazza u mad-dawra tal-Purċissjoni.

**8.0 Ordni ta' Sign Posts għall-Pjazza**

8.1 Ġew diskussi l-istimi u l-mudelli miġbura għal-signpost fil-Pjazza. Il-Kunsill għoġbu mudell bħalma hemm fil-Pjazza ta' Kastilja biex ikunu jaqblu mal-għamara li hemm fil-Pjazza għall-prezz ta' €195 + VAT kull wieħed. Sar qbil li jekk jaqblu mat-tabelli għandna nordnaw erbgħa.

**9.0 Gemmellagg ma' Amaseno**

9.1 Is-Sindku rrefera għall-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni tat-Town Twinning fejn minnha l-Kunsill ser jibbenifika l-ammont ta' €7500. Huwa semma' li l-Kumitat tal-Ġemellaġġ ħa jieħu ħsieb l-organizazzjoni tagħha u li għandna nibdew immedjatament niċċekjaw minħabba l-akkomodazzjoni għalihom. Il-Kunsill iddiskuta d-draft tal-programm tal-attivitajiet u sar qbil li ċ-ċerimonja uffiċjali tal-

iffirmar tal-ġemellaġġ ma għandhiex tkun twila ħafna u ma tkunx tinkludi ħafna diskorsi.

**10.0 Young Enterprise F'San Lawrenz**

10.1 Is-Sindku rrefera għall-din l-intrapriża u jinsab kuntent ħafna bil-progress tagħhom. Huwa semma' li ser jiltaqgħu ma' Ufficjal tal-Young Enterprise biex jgħinhom jiżviluppaw l-ideat tagħhom.

**11.0 L-uzu tal-generator tad-Dwejra**

11.1 Is-Sindku rrefera għal-kumpanija tad-diving fid-Dwejra li talbet li tagħmel użu mill-generator tal-Kunsill billi tirrifondi l-ispejjes lill-Kunsill bil-għan biex jitħares l-ambjent u ma jkunx hemm aktar generators addizzjonal fil-pjazza tad-Dwejra. Il-Kunsill ra din il-proposta bhala waħda attraenti u pożittiva wkoll għal fatt li b'hekk il-generator ikollu aktar loading bit-tama li jagħmel anqas hsarat. Il-Kunsilliera Carmen Grima ssuġġeriet li jitwaħħal meter fejn il-generator u ieħor għand dawn l-individwi. Saret diskussjoni twila u sar qbil pero li din is-sistema tista facilment titħaddem permezz ta' submeter. Waqt il-laqgħa nqrat l-email li ntbaghtet lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali b'din il-proposta għax ikun ahjar li jkollna direttivi ċari u li d-deċizzjoni li tittieħed tkun skont il-liġi.

**12.0 Tindif fil-lokalita'**

12.1 Is-Sindku poġġa għad-diskussjoni s-suġġett tal-indafa fil-lokalita' u l-fatt li l-Kunsill ma għandux kuntratt tal-knis. Il-kunsilliera qablu li kif aħna fil-preżent ninsabu moqdijin permezz tal-handyman Vitor Formosa. Jista jkun il-każ li hemm ħtieġa ta' żieda f'xi rotot u jkun tajjeb jekk issir timetable tat-toroq u l-ġranet tal-knis biex ikun hemm rutina.

12.2 Il-kunsillier Franco Buhagiar enfasizza fuq il-ħtiega ta' bini mill-ġdid ta' ħajt fi Triq it-Torri għax b'hekk jinqata' ħafna ħmieġ minn dik it-triq. Is-sindku semma li kienet saret talba ufficcjali lill-Ministeru ghal Ghawdex u huwa segwa t-talba anke mal-Minstru individwalment u anke mal-persuna koncernata. S'issa ghad ma hemm l-ebda risposta. Huwa qal li ser ikompli jsegwi.

**13.0 Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv**

13.1 Il-Kunsill qabel li issa li l-Pool tas-Segretarji Eżekuttivi tinsab aġġornata, huwa xieraq li toħroġ is-sejħa għal-Post ta' Seġretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill Lokali San Lawrenz. Sar qbil li għandhom joħorġu l-avvizi kemm jista jkun malajr.

## 14.0 Irrangar tal-Monument tal-gwerra

14.1 Is-Sindku rrefera għall-monument tal-gwerra li hemm fi Triq ir-Rokon u għall-fatt li fejn hu qiegħed ma hux prattiku u lanaqs jitgawda kif jixraq. Huwa propona li nharrkuh f'post aktar addattat u ntuh dehra ġdida, billi ngħollu l-gebla 'l fuq u tahtu jsiru peprin tal-metal biex jinqala aktar. Huwa qal li ser jitlob lil Kempinski biex jghaddu bicca art zghira propjeta taghhom biex tintuza ghal dan l-iskop. Kien hemm qbil dwar din il-procedura u li ghandna mmexxu. Huwa propona li fil-5 t'Awissu fl-istess jum meta sar il-bombardament għandhom jiġu mfakkra dawn il-mejtin permezz ta' quddiesa u ċerimonja qasira u b'hekk ninawguraw dan ix-xogħol ġdid. Sar qbil li għandna niġbru stima tax-xogħol rikjest.

## 15.0 Approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Offerta tal-Playing field

15.1 Saret referenza għar-rapport bir-rakkommandazzjonijiet tal-Bord tal-Evalwazzjoni, wara li saret l-evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa. Il-Bord qed jirrakkomanda li l-għazla taqa' fuq l-orħos waħda dik ta' Joe Grima għall-prezz ta' €104996.11. Il-Kunsill qabel li ghħandu japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord u jmexxi fuqha. Peress li l-ammont tal-orħos offerta jaqbeż l-ammont mogħti mis-Segretarjat, sar qbil li għandha tintbgħat talba lis-Segretarju Parlamentari Justyne Caruana fejn il-Kunsill jitlob fondi addizzjonali biex ikun jista jagħmel tajjeb għal-varjazzjoni li qed jirriżulta.

## 16.0 Laqgħa mal-accountant rigward l-iżbilanc finanzjarju.

16.1 L-Accountant tal-Kunsill Pauliana Said rreferiet għall-email mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn informa lill-Kunsill bl-iżbilanċ finanzjarju tiegħu u talbu jieqaf milli jkompli b'aktar infieq. L-accountant semmiet li d-Dipartiment kellu zball peress li ħa inkonsiderazzjoni l-financial statements tas-sena finanzjarja 2014 u mhux 2015. Hija rreferiet ukoll għal numru kbir ta' kredituri u li huwa mportanti li dawn jiġu mħallsa biex jitnaqqsu sostanzjalment. Hija semmiet li mill-Financial Statements preparati għas-sena finanzjarja 2015, il-Kunsill għandu joħrogġ b'bilanċ pożittiv. L-aġent Segretarju Lucienne Haber hawnhekk iddikjarat li ma tistax tassumi n-nuqqas ta' responsabilita' tas-Segretarji Ezekuttivi ta' qabilha li naqqsu milli jsiru (jaghmlu / jordaw li jsir) l-financial statements tas-sena 2014 u awditjar u għeluq tal-Accounts tal-istess sena. Hija semmiet kif malli reġghet inħatret bħala Aġent Segretarju Ezekuttiv fl-assensa ta' aktar minn sena, mall-ewwel kitbet lill-awdituri biex ikomplu bl-awditjar tagħhom biex il-Kunsill jiġi aġġornat fl-accounts tiegħu għax ma jkunx jista jkompli bl-operat tieghħu fid-direzzjoni t-tajba.

16.2 Il-Kunsill hawn talab sabiex id-dipartiment ghandu jigi nfurmat mill-aktar fiss possibbli bl-izball li ha u jirrangaha.

## 17.0 Approvazzjoni tal-Management Letter

17.1 Is-Segretarja u l-Accountant tal-Kunsill spjegaw il-Management Letter u r-risposta għaliha. Sar qbil li għandhom jittieħdu noti ta' diversi punti u nuqqasijiet u li ma

għandhomx jiġu ripetuti. Sar qbil li għandha tintbgħat ir-risposta kif qabel fuqha l-Kunsill.

**18.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

18.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati sabiex isir il-pagament tagħhom.

**19.0 Materji oħra**

19.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-funtana tal-pjazza issa bdiet taħdem iżda għad fadal xi problemi li jridu jiġu solvuti għax mhux qegħda tiffunzjona kif suppost.

19.2 Is-Sindku rrefera għat-talba li l-Kunsill għamel sabiex Triq San Lawrenz tingħata t-tieni kisja u għall-fatt li l-Kunsill baqa' bla risposta. Huwa rrefera għall-istatus li kiteb fuq facebook fejn jiddeplora dan minħabba l-fatt li t-Triq tinsab perikoluża, mhix aċċettabli u qed jidħlu diversi lmenti ta' nċidenti fiha. Huwa qal li dan kitbu anke għall-fatt li dan qed joħloq periklu li dawk li jsuqu fuqha. Is-Sindku hawn irringrazzja lill-Kunsillier Franco Buhagiar tas-sapport li wera bil-kumment tiegħu fuq l-istess status li għamel is-Sindku fejn fisser dan bħala għaqda sħiħa favur il-ġid komuni tal-lokalita'. Il-Kunsillier Buhagiar minn naħa tiegħu rrimarka li ħassu ddiżgustat għal fatt li dak il-ħin stess x'ħin ra l-istatus bgħat sms lill-Ministru għal Għawdex u dan wieġbu li ma għandux flus biex jagħmilha u jekk għandu hu għandu jagħmilha minn butu. Il-membri l-oħra tal-Kunsill ilkoll irringrazzjawh tal-appoġġ tiegħu favur il-lokalita'. Is-Sindku semma' li kuntrarju għal dak li kiteb membru mis-segretarjat tal-Ministeru fuq l-istess status tal-Facebook, fejn ipprova jgħid li dan qed jinkiteb biex issir ħsara lill-amministrazzjoni tal-Ministeru prezent, is-Sindku qal li din ma għandhiex titqies bħala issue politika għax din l-istess ġlieda biex issir it-Triq is-Sindku u l-Kunsill imexxi minnu kien għamilha wkoll fl-amministrazzjoni l-oħra taħt Gvern differenti.

19.3 Sar qbil li għandha terġgħa tintbagħat email lid-Direttur Mark Formosa rigward il-ħtieġa ta' manutenzjoni sħiħa lil-latrina tad-Dwejra għax qed jidħlu diversi lmenti.

19.4 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Perit Shawn Micallef rigward reviżjoni tal-pjanti taċ-Ċentru Ċiviku. Huwa preżenta r-reviżjonijiet u ġew diskussi. Sar qbil li għandna ninkludu on board lill-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Ministeru tas-Saħħa u l-Ministeru tal-Ġustizzja biex jgħinu biex inwettqu dan il-proġett globali, peress li dan iċ-centru jinkludi wkoll, għassa u berġa. Huwa rrefera għall-fatt li skond il-Local Plan din il-ħofra tista tinbena biss għal 'education purposes'. Għalhekk sar qbil li għandhom jibdew taħdidiet mal-Ministeri konċernati u l-argument għandu jkun li l-Kunsill ser ippartat l-ufficju prenzenti (li jinsab fl-iskola) ma din il-hofra li ser issir barra mill-konfini tal-iskola. B' hekk dan il-progett ser iservi wkoll biex il-binja tal-iskola tibda sservi biss għal iskop originali tagħha.

19.5 Sar qbil li għandha tintbgħat ittra/email lil Charmaine Grima biex tagħtina l-proposta tagħha għac-Childcare Centre.

19.6 Il-Kunsilliera Carmen Grima rreferiet għal ħtieġa ta' Kors tat-tagħlim bażiku fit-Taljan. Hija offriet li tkun ko-ordinatur ta' dan il-kors. Il-Kunsill irringrazzjaha tal-inizjattiva u taha l-kunsens tiegħu biex tkompli fl-organizazzjoni tiegħu bl-għajnuna tal-operat tal-Kunsill.

19.7 Il-kunsillier Joseph Cauchi talab f'hiex waslet it-talba ta' Wifi's addizzjonali li kien propona l-Kunsill, fid-Dwejra u fil-playing field:

19.8 Il-Kunsillier Cauchi talab ukoll sabiex isiru tabelli li l-bandli ma jistgħu jintużaw, is-sindku informa li din it-tabella diga tezisti u saret gimghat ilu.

19.9 Il-Kunsilliera Carmen Grima ssuġġeriet li fl-area ta' wara l-Monument ta' Dun Ġużepp Cauchi jitħawwlu 'wild plants'.

19.10 Il-Kunsill qabel li għandu jaħħtar lis-Sindku Noel Formosa bħala rappreżentant tal-Kunsill Lokali San Lawrenz fil-GAGF.

19.11 Ġie trattat r-rizultat ta' Walk to School Campaign. Għax-xahar ta' April kien hemm ħames t'itfal li ġew l-ewwel u sebgħa li ġew fl-ewwel post għax-xahar ta' Mejju. Sar qbil li għandhom jingħataw rigal ċkejken kull wieħed.

19.12 Is-Sindku rrefera għat-talba li għamillu il-Ministru għal Għawdex dwar l-irranġar ta' biċċa triq taħt it-Torri tad-Dwejra. Huwa lest li jagħtina l-ħaddiema u l-materjal għaliha. Is-sindku qal li nforma lill-Minstru ghal Ghawdex li l-Kunsill jikkunsidra din it-talba zwara li jkunu saru l-permessi kollha kif mehtig mal-Mepa. Huwa qal li l-Minstru qabel ma din il-procedura. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju għandu jitlob lil Perit Shawn Micallef sabiex jressaq it-talba tiegħu quddiem il-Mepa għall-manutenzjoni tat-triq li biċċa minnha kienet saret mill-istess Kunsill xi snin ilu.

19.13 Il-Kunsill Joseph Cauchi ġibed l-attenzjoni li d-dwal taz-zebra crossing mhumiex jixgħelu.

19.14 Il-Viċi Sindku Anthony Formosa talab sabiex l-isqaq ta' ħdejn Monsarrat u dak ta' Triq il-Wileġ l-isfel jinqatgħu mill-bużbież għax qed jagħlqu l-aċċess.

19.5 Sar qbil li għandna nibgħatu lid-Direttur Mark Formosa biex naraw f'hiex wasal ix-xogħol fid-dar tal-President fi Sqaq ta' Turner għax ix-xogħol beda u waqaf b'detriment li hemm ħafna żdingar fl-istess sqaq.

## 20.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

20.1 Il-laqgħa ntemmet fit-6:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 21 ta' Lulju 2016 fis-1:00 ta' wara nofsinhar.

**Noel Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**